



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14160/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0258(NLE)**

---

---

**AVIATION 228  
RELEX 1045  
USA 86**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Novembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 585 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex tiqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 585 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 585 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.11.2019  
COM(2019) 585 final

2019/0258 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, il-Kroazja ħadet l-impenn li taderixxi mal-ftehimiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni u mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi. Fost dawk il-ftehimiet hemm il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ("l-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti").

Dik id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dawk il-ftehimiet għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll tal-ftehimiet bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż terz ikkonċernat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinneogzja dawk il-protokoll f'isem l-Istati Membri.

B'hekk il-Kummissjoni nneogzjat protokoll li jemenda l-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jipprevedi l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dak il-ftehim.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tinkiseb Deċiżjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"TFUE") u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, dwar il-konklużjoni tal-protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, sussegwentement għall-iffirmar tiegħu.

- **Kuntest ġenerali**

L-impenn li ħadet il-Kroazja skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni japplika wkoll għall-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Iżlanda u n-Norveġja, li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti għal dawn il-pajjiżi tal-aħħar, u l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Iżlanda u n-Norveġja, li jirregola r-relazzjoni bejn dawk il-partijiet skont il-ftehim imsemmi qabel.

B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni nneogzjat protokoll li jemendaw ukoll dawk il-ftehimiet sabiex jipprevedu l-adeżjoni tal-Kroazja ma' dawk il-ftehimiet. Il-proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' dawk il-protokoll, kif ukoll il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-protokoll li jemenda l-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti, jiġu ppreżentati b'mod parallel ma' din il-proposta.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti kien l-ewwel ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru ma' sieħeb ewlieni tal-avjazzjoni tal-Unjoni. Dan huwa l-iżjed ftehim importanti fid-dinja dwar it-trasport bl-ajru, u jipprovdi iktar minn 80 miljun post fis-sena għall-passiġġieri tat-trasport bl-ajru; għaldaqstant huwa l-ġebla tax-xewka tal-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni. Il-protokoll se jippermetti lill-Kroazja tibbenefika mill-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-protokoll jippermetti lill-Kroazja tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni sabiex taderixxi mal-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 2018(6)(a) tat-TFUE, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Protokoll se jippermetti lill-Kroazja tibbenefika mill-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti li joħloq kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq u jservi bħala bażi għal arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni regolatorja u għall-konverġenza f'oqsma essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi bl-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-Protokoll huwa limitat għat-trattament tal-kwistjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti u ma jindirizzax kwistjonijiet oħra.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Protokoll jikkonsisti minn test ewlieni li jipprevedi l-adeżjoni tal-Kroazja mal-ATA bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-emendi konsegwenzjali għal dak il-ftehim, u Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-awtentikazzjoni ta' verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [ ], il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), ġie ffirmit fi [ ], soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar 'il quddiem. Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jiddeżinja l-persuna li jkollha s-setgħat li tipproċedi, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bl-iskambju ta' noti diplomatiċi previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jintrabtu bil-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*